**REGJUN XLOKK**

VALLETTA, BIRGU, ISLA, BORMLA, HAZ-ZABBAR, ZEJTUN, FGURA, FLORIANA, KALKARA, MARSA, MARSASKALA, MARSAXLOKK, PAOLA, HAL-TARXIEN, XGHAJRA.

# MINUTI

## Laqgħa tar-Regjun Xlokk

## Laqgħa Nru. 14/2018 tat-Tielet Amministrazzjoni

Data: 30 TA' AWWISSU 2018

Ħin: 17.30

Post: Ufficcju Amministrattivi tar-Regjun Xlokk, f' 97 Triq Santa Marija, Tarxien.

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Chev Paul Farrugia** | President u Sindku | Reġjun Xlokk/Kunsill Lokali Tarxien | PREŻENTI |
| **Sur Lawrence Attard** | Kunsillier | Kunsill Lokali Birgu | PREŻENTI |
| **Sra. Alison Zerafa Civelli** | Sindku | Kunsill Lokali Bormla | PREŻENTI |
| **Sur Vincent Borg** | Viċi Sindku | Kunsill Lokali Floriana | SKUŻAT |
| **Sur Pierre Dalli** | Sindku | Kunsill Lokali Fgura | PREŻENTI |
| **Sur Clive Pulis** | Viċi Sindku | Kunsill Lokali Isla | SKUŻAT |
| **Sra Speranza Chircop** | Sindku | Kunsill Lokali Kalkara | SKUŻAT |
| **Sur Francis Debono** | Sindku | Kunsill Lokali Marsa | PREŻENTI |
| **Sur Horace Gauci** | Sindku | Kunsill Lokali M'xlokk | PREŻENTI |
| **Sur Charlot Mifsud** | Kunsillier | Kunsill Lokali M'skala | PREŻENTI |
| **Sur Domenic Grima** | Sindku | Kunsill Lokali Paola | SKUŻAT |
| **Sur Vince Farrugia** | Kunsillier | Kunsill Lokali Valletta | ASSENTI |
| **Sur Anthony Valvo** | Sindku | Kunsill Lokali Xgħajra | PREŻENTI |
| **Sur Marc Vella Bonnici** | Sindku | Kunsill Lokali Zabbar | ASSENTI |
| **Sinj. M. Doris Abela** | Sindku | Kunsill lokali Zejtun | PREŻENTI |
| **Sna Antonella Galea** | A/Segretarju Eżekuttiv | | |

## AĠENDA

14.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

14.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

14.3 Komunikazzjoni mill-President;

14.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tar-Rappreżentanti;

14.5 Rapporti;

14.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti Nru. 84/2018;

14.7 Mozzjonijiet;

14.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

**TALBA**

**Il-President qal it-talba u ppresieda l-laqgħa.**

## 14.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġijia

Ittri ta' Apoloġija

i. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kumitat Reġjonali li l-Kunsilli ta' Floriana, Isla, Kalkara u Paola kienu avżaw sabiex jitolbu li jkunu skużati mil-laqgħa minħabba impenji oħra.

i.i Il-Kumitat Reġjonali Xlokk ħa nota u approva li l-Kunsilli ta' Floriana, Isla, Kalkara u Paola jkunu skużati mil-laqgħa minħabba impenji oħra.

## 14.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

Iffirmar Minuti

i. Peress li l-Minuti numru 13/2018 kienu ġew iċċirkolati minn qabel, il-President staqsa jekk jistgħux jiġu kkunsidrati bħala moqrija u talab l-approvazzjoni tal-Kumitat.

Il-Kumitat approva l-Minuti 13/2018 liema Minuti ġew iffirmati mill-President u mill-Agent Segretarju Eżekuttiv.

## 14.3 Komunikazzjoni mill-President

Każ Ex Seg. Eżek. Joan Mangion

**i.** Il-President Paul Farrugia nforma lis-Sinjuri membri dwar il-każ tal-Ex Segretajru Eżekuttiv Joan Mangion. Qal li dan il-każ kien għadu kif kien ġie rrapurtat fil-laqgħat preċedenti li din il-kawża issa reġgħet kienet ġiet differita għal Ottubru.

LESA

**ii.** Il-President nforma lill-Kumitat li l-LESA kienet għada mhix qed tħallas ir-*running costs* imma kienet qed tirrifondi biss is-salarji tal-impjegati. Żied jgħid li għalissa kienu għadhom għaddejjin id-diskussjonijiet mal-partijiet konċernati u dan għaliex oriġinarjament mal-Ministru l-ftehim kien li dawn il-fondi jiġu kollha rifużi.

Ħaddiema assenjati mal-Kunsilli Lokali

**iii.** Il-President Paul Farrugia nforma lill-Kumitat li l-ħaddiema assenjati mar-Reġjun Xlokk kienu qegħdin il-FGURA u BORMLA.

URBACT

**iv.** Il-President Paul Farrugia nforma lill-Membri tal-Kumitat li d-dokument tas-SUMP kien għadda għand persuni li setgħu jaħdmu fuqu u jgħinuna fih.

Inizjattiva Finanzjarja – Għoti ta' Tarmak

**v.** Il-President informa lill-Kumitat li fir-rigward tal-inizjattiva finanzjarja ta' €500,000 li kellha tinqasam bejn il-ħames Reġjuni dwar l-għoti mill-ġdid ta' tarmak lill-toroq fir-responsabbilta' tal-Kunsilli Lokali kienu għaddew id-dokumenti mitluba lid-DLG u hekk kif jagħtuna l-approvazzjoni konna ser nibdew inħallsu lil dawk il-Kunsilli li kienu diġa kkonkludew ix-xogħol propost.

Tender Street Lighting

**vi.** Il-President reġa għal darb'oħra talab lill-Membri fi ħdan il-Kumitat Reġjonali Xlokk sabiex fil-Kunsilli rispettivi tagħhom jiddiskutu jekk kenux jaqblu li r-Reġjun Xlokk jerġa joħroġ tender waħda għal *street lighting* u jekk bħala Kunsill kenux interessati li jissieħbu fih. Il-President talab lill-Membri sabiex sa mhux aktar tard mill-24 ta' Settembru 2018 kellhom jibgħatu jekk il-Kunsill tagħhom kienx ser jissieħeb jew le f'din is-sejħa għall-offerti maħruġa b'mod reġjonali. Sadanittant il-President fakkar li għalkemm kienet ser toħroġ sejħa waħda b'mod reġjonali, kull Kunsill xorta waħda kien ser jibqa responsabbli direttament lejn il-kuntrattur li jkun eventwalment magħżul.

**vii.** Il-President nforma lill-Kumitat li l-fondi tal-UIF jidher li l-Planning Authority kienet qabdet u waqfet l-iskema li l-fondi setgħu jintużaw għal resurfacing ta' toroq ġodda. Żied jispjega li kienu għadhom għaddejjin diskussjonijiet sabiex tal-inqas dawk il-Kunsilli li diġa kienu tefgħu l-applikazzjoni sabiex juża dawn il-fondi fuq it-toroq, jitħallew jużawhom għal dan il-għan. Il-President Paul Farrugia qal li sadanittant kienu daħlu wkoll fid-diskussjon l-AKL u kien ġie deċiż li kellha tinħareġ Cirkulari lill-Kunsilli Lokali kollha. UIF

**viii.** Il-President Paul Farrugia spjega ftit fil-qosor għall-benefiċċju tas-Sindki li dak iż-żmien ma kenux preżenti eżattament x'inhu l-proġett tar-Reachout Centre. Wera wkoll il-pjanti tas-sit kif ukoll tal-proġett hekk kif ippreparati mill-Periti mill-Uffiċċju MADE Studio. Żied jispjega li bħalissa kienu għaddejjin diskussjonijiet ma' għaqdiet bħal SEDQA sabiex jinfurmawhom dwar il-possibilta' li kienu setgħu joffru s-servizzi tagħhom minn dan ir-Reachout Centre. Il-Membri preżenti evalwaw il-pjanti u b'mod unanimu approvaw dawn il-pjanti u l-proġett fl-intier tiegħu hekk kif propost. Reachout Centre

**viv.** Il-President informa lill-Membri tal-Kumitat li kienet waslet korrispondenza mingħand id-Direttur Ġenerali fejn dan kien talab ir-Reġjun sabiex sal-aħħar tax-xahar ta' Settembru 2018 kellu jikkonkludi s-sejħa għall-vakanza ta' Segretarju Eżekuttiv. Vakanza Segretarju Eżekuttiv

**viv.i** Saret diskussjoni dwar dan mill-Membri fejn filwaqt li wrew fiduċja assoluta fil-President is-Sur Paul Farrugia u fl-Aġent Segretarju Eżekuttiv is-Sna. Antonella Galea, unanimament qablu li tinħareġ is-sejħa għall-post vakanti ta' full time Segretarju Eżekuttiv mal-#kumitat Reġjonali Xlokk.

**vv.** Il-President informa lill-Kumitat Reġjonali li l-uffiċċju kienet waslet korrispondenza dwar l-OPEN DAYS fi BRUSSEL bejn it-8 u l-10 ta' Ottubru 2018. Żied jgħid li din il-korrispondenza kienet mibgħuta wkoll lil kull Kunsill Lokali. Dawk il-Kunsilli nteressati li jipparteċipaw kellhom jinnominaw Sindku jew Kunsillier kif ukoll setgħu jinnominaw Segretarju Eżekuttiv. Kienet ċara fil-korrispondenza li jekk dawk interessati kienu ser jintgħażlu kellhom iħallsu t-titjira mill-fondi tal-Kunsill rispettiv tagħhom. Id-DLG kien ser jagħti subsistance allowance lil min kien ser jintgħażel fejn minn dawn il-flus il-parteċipanti kellhom iħallsu l-lukanda, trasport lokali fi Brussel kif ukoll l-ikliet u xi spejjeż oħra relatati. Il-President informa lill-Kumitat li kienu tlieta l-Kunsilli li wrew interess li jipparteċipaw. Dawn kienu mill-Kunsill Lokali Kalkara fejn kien hemm is-Sindku u tlett Kunsillieri interessati, oħra mill-Kunsill Lokali Marsaxlokk fejn kien hemm is-Sindku nteressat u oħra mingħand il-Kunsill Lokali Ħal Tarxien fejn is-Segretarju Eżekuttiv kienet interessata li tipparteċipa. Open Days – Brussel 8-10 Ottubru 2018

**vv.i** Il-President Paul Farrugia nforma lill-Kumitat li l-Kunsill Lokali Kalkara kien qed jitlob lir-Reġjun Xlokk sabiex jħallas huwa kemm il-darba l-Kalkara tintgħażel biex tipparteċipa. Spjega l-President li bħalma jafu l-Membri kollha r-Reġjun ma kienx f'pożizzjoni li joħroġ fondi u dan għaliex ir-Reġjun ma kellux allokazzjoni annwali mill-Gvern Ċentrali imma kien qed jamministra minn fondi li kien ġemma minn ħlasijiet riċevuti mill-passat u għaldaqstant jiddispjaċih imma t-talba tal-Kunsill Kalkara ma setatx tiġi milqugħa.

Żied jgħid is-Sur Paul Farrugia li dan jirriżulta li l-parteċipanti kienu ser ikunu s-Sur Horace Gauci Sindku M'Xlokk u s-Sna Antonella Galea Segretarju Eżekuttiv Kunsill Lokali Ħal Tarxien.

Is-Sinjuri Membri approvaw unanimament dawn iż-żewġ parteċipanti.

**14.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tar-Rappreżentanti;**

**i.** Ma kienx hemm mistoqsijiet mir-Rappreżentanti.

**14.5 Rapporti**

**i.** Ma kienx hemm rapporti biex jiġu mgħoddija fil-laqgħa.

**14.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti Nru. 83/2018**

i. L-Iskeda tal-Pagamenti 84/2018 ġew approvati u ġiet iffirmata wkoll minn żewġ membri tal-Kumitat, mill-President u mill-A/Segretarju Eżekuttiv.

ii. Il-President informa lill-Kumitat li kienu għadhom qed jinħarġu u jintbgħatu xi pagamenti nkluż l-10% tal-LES dovuti lill-Kunsilli Lokali. Il-Kumitat preżenti unanimament approva li jinħarġu u jintbgħatu dawn il-pagamenti speċjalment l-10% dovuti lill-Kunsilli Lokali.

**14.7 Mozzjonijiet**

Ma kienx hemm Mozzjonijiet imressqa sa mhux iktar tard minn 6 ijiem mid-data ta' din il-laqgħa.

**14.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

i. Il-laqgħa ntemmet fi 18:30hrs

ii. Laqgħa oħra kienet ser tinżamm nhar **it-Tnejn 24 ta' Settembru 2018 fil-5:30pm.**

(IFFIRMATA)

*Kav. Paul Farrugia*
*President*

(IFFIRMATA)

*Antonella Galea*
*A/ Seg. Eżek*